MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 190/2012

**Eva *sive* Vonnie Mahlangu u Alfrida Cishahayo**

**-vs-**

1. **Carmen Abela;**
2. **Michelina Debono;**
3. **Alfred Mizzi;**
4. **Mary Sammut;**
5. **Victor Mizzi;**
6. **Pauline Farrugia;**
7. **Raymond Mizzi;**
8. **Josephine Casha;**

**9. Michael Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-22 ta' Frar 2012 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi r-rikorrenti huma wlied naturali ta' ċertu Giuseppe Mizzi (I.D. 188124M) illum mejjet, minn relazzjoni illi Mizzi kellu barra ż-żwieġ ma' ommhom Josephine Ebejer (ara dokumenti annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' u Dok. 'B');

2. Illi l-imsemmi Giuseppe Mizzi huwa wkoll missier il-konvenuti;

3. Illi ċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti kien jindika li missierhom kien ċertu Nazzarenu Ebejer, li kien miżżewweġ lil omm ir-rikorrenti fiż-żmien tat-twelid tagħhom. Madankollu fl-2007, fuq stqarrija ta' ommhom stess dwar min kien verament missierhom naturali, ir-rikorrenti proċedew b'kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex fost l-oħrajn jiġi aċċertat min hu verament il-missier naturali tagħhom u konsegwentament isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fl-atti tat-twelid tagħhom;

4. Illi l-kawża sureferita (Rikors Guramentat numru 240/07NC) ġiet deċiża nhar it-28 ta' Ġunju 2008 fejn ġie dikjarat illi fil-fatt il-mejjet Giuseppe Mizzi kien il-missier naturali tar-rikorrenti (ara dokument anness u mmarkat bħala Dok. 'C');

5. Illi eventwalment, l-imsemmi Giuseppe Mizzi miet nhar il-ħdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u disgħa (2009) u dan kif

jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'D';

6. Illi il-mejjet Giuseppe Mizzi rregola s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' testment *unica carta* fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, datat id-disgħa u għoxrin (29) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008), fejn fost dispożizzjonijiet oħra, l-imsemmi Giuseppe Mizzi ħassar it-testmenti li għamel qabel, u nnomina u istitwixxa bħala eredi universali tiegħu u proprjetarji tal-ġid tiegħu kollu lil uliedu fi kwoti ugwali bejniethom u bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedhom (ara dokument anness u mmarkat bħala Dok. 'E';

7. Illi l-mejjet Giuseppe Mizzi ordna ulterjorment li kemm-il darba jirriżulta li hemm xi wild ieħor tat-testatur, f'dak il-każ jieħdu biss il-leġittima spettanti lilhom skond il-liġi;

8. Illi r-rikorrenti għalhekk talbu lil ħuthom werrieta universali ossija l-konvenuti sabiex jillikwidaw u jħallsuhom is-sehem riservat dovut lilhom skond il-Liġi;

9. Illi madanakollu, minkejja li l-konvenuti ġew interpellati diversi drabi sabiex jersqu għal-diviżjoni bonarja tal-assi ta' missierhom u sabiex għalhekk iħallsu lir-rikorrenti s-sehem riservat, il-konvenuti baqgħu inadempjenti, u għalhekk r-rikorrenti kellhom jipproċedu b'din il-kawża (ara dokument anness u mmarkat bħala Dok. 'F');

10. Illi r-rikorrenti huma nfurmati illi l-konvenuti pproċedew bl-att tad-denunzja skond il-Liġi, u dan permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono datat il-11 ta' Frar 2011;

11. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti kollha personalment.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti intimati jew min minnhom għaliex, għar-raġunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-atturi, bħala dixxendenti tal-mejjet Giuseppe Mizzi huma ntitolati għas-sehem riservat ossija l-leġittima skond il-Liġi, mill-assi ereditarji kollha tal-imsemmi Giuseppe Mizzi *ai termini* tal-Artikolu 615 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tillikwida, okkorrendo bin-nomina ta' perit nominandi, is-sehem riservat ossija l-leġittima spettanti lill-atturi skond il-liġi fuq il-ġid ta' missierhom Giuseppe Mizzi.

3. Tordna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi dak is-sehem riservat ossija leġittima hekk likwidata.

4. Taħtar Nutar Pubbliku Malti sabiex jippubblika l-att oppurtun ta' ħlas tas-sehem riservat f'dik id-data ħin u lok li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta' kuraturi nominandi li jinħatru sabiex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

5. Fin-nuqqas u f'każ li jirriżulta illi l-porzjon riservat ma jistax jitħallas fiżikament tordna l-bejgħ bis-subbasta tal-beni formanti l-assi ereditarji in kwistjoni sabiex mir-rikavat tkun tista' titħallas is-sehem riservat ossia leġittima lill-atturi.

Bl-ispejjez, inklużi dawk tal-ittra ġudizzjarja numru 2063/11, datata l-15 ta' Ġunju 2011, bl-imgħax legali mid-data tal-ftuħ tas-

suċċessjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi ġiet preżentata nota konġuntiva bejn il-partijiet kollha fil-kawża fejn talbu li jiġi sospiż it-terminu li fih il-konvenuti kellhom jippreżentaw risposta ġuramentata sabiex jesploraw il-possibbilta' ta' tranżazzjoni.

Rat li minkejja li fil-21 ta' Novembru 2012 ġie dikjarat li ma ntlaħaqx qbil, il-konvenut baqgħu ma preżentaw l-ebda eċċezzjonijiet u għalhekk baqgħu kontumaċi.

Rat l-atti proċesswali kompriż ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Alan Saliba;

Semgħet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' April 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher ċar mill-att promotur din hija kawża fejn l-atturi qed jitolbu li jiġu assenjati l-porzjoni leġittima lilhom mill-wirt ta' missierhom Joseph Mizzi. Il-paternita' ta' dan ġiet konfermata permezz tas-sentenza msemmija fir-rikors promotur; fl-aħħar

testment tiegħu huwa kien ħalla lill-konvenuti kollha bħala werrieta tiegħu f'ishma ugwali u żied li jekk jirriżulta li kellu xi wlied oħra barra ż-żwieġ dawn kellhom ikunu intitolati għal porzjoni riservata bil-liġi. Naturalment għamel hekk għaliex f'dak iż-żmien kienet għaddejja l-kawża ta' paternita' msemmija.

Illi fir-rigward tal-mertu, dawn it-tip ta' kawżi solitament dejjem jippreżentaw numru ta' diffikultajiet legali. Madankollu din il-kawża tirrigwardja ftuħ ta' wirt li sar wara l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni li tirrigwardja partikolarment dik li qabel kienet il-leġittima. Dawn l-emendi ġew fis-seħħ fl-2004 u jagħmluha ċara li ma jaffetwawx wirt li nfetaħ qabel dik id-data. Infatti l-artikolu 116 (2) tal-att in kwistjoni (Att Numru XVIII tal-2004) għamilha ċara illi l-artikolu 58 li appuntu emenda l-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili illi jirregolaw kif tinħadem il-leġittima (issa msejħa *parti riservata*) kellhom *japplikaw dwar suċċessjonijiet li li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ.* Għalhekk ċertament f'dan il-każ il-liġi applikabbli hija dik bħalissa viġenti, u dan qed jingħad biex meta jiġu ċitati sentenzi l-istess sentenzi għandhom jingħataw il-valur relattiv tagħhom fl-istess rigward.

Illi l-liġi taqsam il-ġid tad-disponenti f'żewġ partijiet, waħda disponibbli u l-oħra le. Il-parti mhux disponibbli tiġi matematikament kalkolata a bażi tal-artikolu 616 u dawk li jsegwu. (**"Cutajar vs Cutajar"** deċiża mill-Prim Awla fit-3 ta' Ottubru 2003). In vista ta' dan *l-ewwel ħaġa li għandha ssir hija l-likwidazzjoni sabiex ikun jista' jiġi aċċertat jekk id-decujus bid-dispożizzjoni ta' xi legat eċċediex il-parti disponibbli tal-patrimonju.* (**"Maria Wismayer vs Ruggero Wismayer"** deċiża mill-Prim Awla fit-22 ta' Mejju 1950).

Illi skond l-artikolu 648 biex tinħadem il-leġittima trid tiżdied mal-assi eżistenti fil-mument tal-mewt, id-donazzjonijiet li jkunu saru mit-testatur u eżattament fil-każ ta' immobbli l-valur tal-proprjeta' fil-mument tal-mewt. Dan hu kkonfermat mhux biss mill-artikolu 648 illi jgħid kif ġja' ngħad li jridu jingħaddu d-donazzjonijiet li jkun għamel it-testatur iżda anke min-noti tal-**Prof. Caruana Galizia** fuq is-suċċessjoni (paġna 1021) fejn jingħad fit-test Ingliż illi:

*"Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations.*

*The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due ... even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights.*

*Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased's estate are added not only those made purely 'animo donandi' but also those made in remuneration for services, or out of gratitude ..."*

Illi għalhekk kwantu għat-talba attrici *ai termini* tal-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili billi l-mejjet kellu b'kollox ħdax ulied, il-

leġittima kellha tkun nofs tal-assi tiegħu u għalhekk il-partijiet kellhom id-dritt jipparteċipaw f'dan in-nofs.

**Illi għalhekk l-atturi jmisshom wieħed minn tnejn u għoxrin kull wieħed mis-sehem ta' missierhom.** Għandu jingħad li l-leġittima, skond il-liġi allura viġenti kienet tkun dovuta *in-natura, in piena propieta senza alcun peso od altra condizione.* (**Vol. XXXVIII – P II p 116**). Din kif issemma kienet toħloq problema f'dawn it-tip ta' kawżi għaliex tikkontrasta mad-dritt tat-testatur li jħalli l-legati lil min jixtieq, għaliex filwaqt li l-leġittimarju ma jistax jippretendi li jinjora l-legati, u dawn għandhom jittieħdu biss in konsiderazzjoni biex tiġi kalkolata l-leġittima (ara **"Vella vs Bezzina et**" – Appell deċiż fl-20 ta' Novembru 1998), *is-suġġeriment li l-leġittima tiġi sodisfatta b'ammont likwidu flok in-natura huwa kontra l-liġi, molto piu' meta ma jirriżultax il-kunsens tal-interessati kollha* (**"Sammut vs Refalo"** – deċiża mill-Prim Awla fit-30 ta' Ġunju 1954). L-istess sentenza **"Wismayer vs Wismayer"** fuq ċitata qalet, *sakemm id-decujus ma jeċċediex il-kwota disponibbli dak il-legat jibqa' jseħħ.*

Illi dan ġie rimedjat bl-emendi msemmija u llum l-artikolu 615 (2) jagħmilha ċar li dan id-dritt huwa kreditu tal-valur tal-assi tal-mejjet u li huwa dovut l-imgħax mid-data tal-ftuħ tal-wirt ossija d-data tal-mewt tad-decujus jekk il-kawża tiġi ntavolata *entro* sentejn mill-istess data; f'dan il-każ dan ma japplikax għaliex il-kawża ġiet intavolata wara dak il-perjodu. L-artikolu 615 u 616 infatti issa jgħidu illi:

**615**. *(1) Is-sehem riservat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-liġi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejjet. Imgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riservat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn: Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.*

**616**. *(1) Is-sehem riservat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*

*(2) Is-sehem riservat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.*

*(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.*

**KONSISTENZA TAL-ASSI**

Illi stabbilit dan il-Qorti trid tgħaddi għall-konsistenza tal-assi tal-mejjet biex tistabbilixxi l-ammont dovut lill-atturi.

Illi mill-provi jirriżulta li l-mejjet kien propjetarju ta' $^{5}/_{8}$ sehem żewġ porzjonijet art li b'kollox jiswew €1,527,625; dan jirrizulta

mid-denunzja preżentata mill-konvenuti fl-okkażjoni tal-mewt tiegħu. Il-proprjeta' kien xtraha fl-1960 u allura meta kien miżżewweġ lil omm il-konvenuti; kwindi tappartjeni għall-komunjoni tal-akkwisti bejniethom. Mal-mewt tagħha huwa wirt il-kwart l-ieħor għaliex in-nofs appartjena lilu bħala sehmu mill-komunjoni msemmija. Il-konvenuti ppreżentaw kif ingħad kopja tad-denunzja li turi valuri differenti iżda huwa evidenti li l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni l-valur indikat mill-perit tekniku maħtur minnha stess.

Illi ma ġewx preżentati provi oħra la bħala assi li għandhom jiżdiedu u lanqas li jitnaqqsu minn dan l-ammont skond il-provvedimenti l-oħra applikabbli għas-sehem riservat. Għalhekk l-ammont dovut lil kull waħda mill-atturi huwa s-somma fuq imsemmija diviża bi tnejn u għoxrin li jammonta għal €69,437. 50.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, *eccetto* r-raba' talba, liema talba hija żejda u l-Qorti tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.**

**Tikkundanna lill-konvenuti biex iħallsu lil kull waħda mill-atturi s-somma likwidata minnha ta' €69,437.50 bl-imgħaxijiet min-notifika tal-ittra ġudizzjarja msemmija fir-rikors.**

**L-ispejjeż ikunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------